# Sign! l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## L-ILMA u s-SANITÀ huma DRITT TAL-BNIEDEM

**Iċ-ċittadini kollha jeħtieġu ilma tajjeb għax-xorb li jkun nadif u sanità ta' kwalità. Aħna nitolbu lill-Unjoni Ewropea sabiex tiggarantixxi dawn id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-promozzjoni tal-provvista tal-ilma u tas-sanità bħala servizzi pubbliċi essenzjali għal kulħadd. Dawn id-drittijiet għandhom jiġu implimentati.**

L-Unjoni Ewropea għandha tistabbilixxi miri vinkolanti għall-Istati Membri kollha sabiex fl-Ewropa tintlaħaq kopertura ta' 100%. Aħna nemmnu li l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel ukoll sforz ikbar lejn il-kisba ta' aċċess universali għall-ilma u s-sanità barra l-Unjoni Ewropea. Miljuni ta' persuni għadhom imċaħħda minn dawn is-servizzi.

**Il-miri tagħna:**

1. **Ilma u sanità ggarantiti għal kulħadd fl-Ewropa .**
2. **L-ebda liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-ilma.**
3. **Aċċess universali (Globali) għall-ilma u s-sanità.**

Din il-kampanja hija għodda ddedikata għad-dritt tal-bniedem għall-ilma u għas-sanità. Hija għodda li tfittex li tbiddel il-mentalità fil-Kummissjoni Ewropea minn approċċ ibbażat fuq is-suq li jiffoka fuq il-kompetizzjoni għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jiffoka fuq is-servizz pubbliku. Hija għandha l-għan li tikseb aċċess universali (globali) għall-ilma u għas-sanità u li tħares ir-riżorsi pubbliċi limitati tal-ilma għal ġenerazzjonijiet futuri.

**L-ILMA huwa ĠID PUBBLIKU, MHUX KOMODITÀ**

## L-ILMA u s-SANITÀ huma DRITT TAL-BNIEDEM

## L-ILMA huwa ĠID PUBBLIKU, MHUX KOMODITÀ

**L'eau, un droit humain - Cilvēkam ir tiesības lietot ūdeni - Водата – основно човешко право - A víz emberi jog - apa este un drept al omului - Voda je lidské právo - Voda je l'udské právo - Voda je ljudsko pravo - Vatten är en mänsklig rättighet - Wasser ist ein Menschenrecht - Water is een mensenrecht - El agua es un derecho humano - A água é um direito humano - l'acqua è un diritto umano - vesi on perusoikeus - prawo do wody prawem człowieka - Vand er en menneskeret - Το νερό είναι ανθρώπινο δικαίωμα - Vesi on osa inimõigustest Eestis - Vanduo yra žmogaus teisė - ceart le uisce - voda je človekova pravica - Право на воду – право человека - Su bir insan hakkıdır- L-ILMA huwa dritt tal-bniedem**

**www.right2water.eu**